MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 803/2005

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Josephine Bullock (Id. No. 130942(M)) u l-istess Josephine Bullock**

**Vs**

**Daniela Zarb**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ mitejn u tmienja u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm238.60c) rapprezentanti danni kkagunati f’incident awtomobilistiku li gara f’Dun Karm By-Pass, Birkirkara fit-3 ta’ Novembru, 2003 li fiha kienu nvoluti l-vettura DBJ 221 proprjeta’ ta’ l-attrici Josephine Bullock, u l-vettura JAD 545 misjuqa mill-konvenuta.

Ra illi l-konvenuta Daniela Zarb, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-22 ta’ Settembru, 2005 meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u tmienja u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm238.60c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------